

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Philippe Guigard huwa kkundannat għall-ispejjeż.

Sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza (It-Tielet Awla) tat-12 ta' Marzu 2008 — European Service Network vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-332/03)

“Kuntratti pubbliċi għal servizzi — Proċedura ta' sejħa għal offerti Komunitarja — Provvista ta' servizzi relatati ma' l-iżvilupp u ma' l-implementazzjoni ta' servizzi ta' sostenn għas-Servizz ta' Informazzjoni dwar ir-Riċerka u l-Iżvilupp Komunitarju (CORDIS) — Rifjut ta' l-offerta ta' offerent — Prinċipji ta' trattament ugwali ta' l-offerenti u ta' trasparenza — Osservanza tal-kriterji għall-għoti stabbiliti fl-ispeċifikazzjonijiet tekniċi”

1. *Kuntratti pubbliċi tal-Komunitajiet Ewropej — Proċedura ta' sejħa għal offerti (ara l-punti 122, 125-127, 130, 142, 145, 147, 148)*
2. *Kuntratti pubbliċi tal-Komunitajiet Ewropej — Konklużjoni ta' kuntratt wara sejħa għal offerti (ara l-punt 213)*
3. *Proċedura — Rikors promotur — Rekwiżiti proċedurali (Statut tal-Qorti tal-Ġustizzja, l-ewwel paragrafu ta' l-Artikolu 21 u l-ewwel paragrafu ta' l-Artikolu 53; Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Prim'Istanza, Artikoli 44(1) (ċ) u 48(2)) (ara l-punti 229-231)*

Suġġett

Talba tar-rikorrenti għall-annullament tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni dwar l-għoti tal-kuntratt li kien is-suġġett tas-sejħa għal offertri ENTR/02/55 — CORDIS lott Nru 1, dwar l-iżvilupp u l-implementazzjoni ta' servizzi ta' sostenn għas-Servizz ta' Informazzjoni dwar ir-Riċerka u l-Iżvilupp Komunitarju (CORDIS).

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) European Service Network (ESN) SA hija kkundannata għall-ispejjeż.

**Sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza (Ir-Raba' Awla) tat-12 ta' Marzu 2008 —
Sebirán vs UASI — El Coto de Rioja (Coto D'Arcis)**

(Kawża T-332/04)

“Trade mark Komunitarja — Proċedimenti ta' oppożizzjoni — Applikazzjoni għat-trade mark figurattiva Coto D'Arcis — Trade marks Komunitarji verbali preċedenti EL COTO u COTO DE IMAZ — Raġuni relattiva għal rifjut — Probabbiltà ta' konfużjoni — Nuqqas ta' ħsara għar-reputazzjoni — Artikolu 8(1)(b) u (5) tar-Regolament (KE) Nru 40/94”

Trade mark Komunitarja — Definizzjoni u kisba tat-trade mark Komunitarja — Raġunijiet relattivi għal rifjut — Oppożizzjoni mill-proprietarju ta' trade mark preċedenti identika jew li tixxiebah irreġistrata għal prodotti jew servizzi identiċi jew li jixxiebhu — Probabbiltà ta' konfużjoni mat-trade mark preċedenti (Regolament tal-Kunsill Nru 40/94, Artikolu 8(1)(b)) (ara l-punti 45, 53)